

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Højesteret (id-Danimarka) fl-24 ta' Frar 2020 – Apcoa Parking Danmark A/S vs Skatteministeriet

(Kawża C-90/20)

(2020/C 161/48)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Højesteret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Apcoa Parking Danmark A/S

Konvenut: Skatteministeriet

Domanda preliminari

L-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ispejjeż ta' kontroll għall-ksur tar-regoli ta' parkeġġ fi proprjetà privata jikkostitwixxu korrispettiv ta' provvista ta' servizz, u għaldaqstant tranżazzjoni suġġetta għall-VAT?

⁽¹⁾ ĠU 2006 L 347, p. 1 (rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal du travail de Nivelles (il-Belġju) fis-27 ta' Frar 2020 – SD vs Habitations sociales du Roman Païs SCRL, TE, fil-kwalità ta' kuratur tar-Régie des Quartiers de Tubize ASBL

(Kawża C-104/20)

(2020/C 161/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal du travail de Nivelles

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: SD

Konvenuti: Habitations sociales du Roman Païs SCRL, TE, fil-kwalità ta' kuratur tar-Régie des Quartiers de Tubize ASBL

Domandi preliminari

L-Artikoli 3, 5 u 6 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ⁽¹⁾, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-Artikolu 4(1), tal-Artikolu 11(3) u tal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ⁽²⁾ – sa fejn dawn jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li ma timponix fuq il-persuni li jimpjegaw l-obbligu li jstabbilixxu sistema li tippermetti li jitkejjel it-tul taż-żmien tax-xogħol ta' kuljum imwettaq minn kull ħaddiem (sentenza C-55/18 tal-14 ta' Mejju 2019) – għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li leġiżlazzjoni nazzjonali, f'dan il-każ l-Artikolu 1315 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan li jimponi fuq min jinvoka l-eżekuzzjoni ta' obbligu, li jipprova, ma tipprevedix l-inverżjoni tal-oneru tal-prova meta l-ħaddiem jinvoka l-qbiż taż-żmien tax-xogħol normali tiegħu, meta:

- din l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali, f'dan il-każ il-leġiżlazzjoni Belġjana, ma timponix fuq il-persuni li jimpjegaw l-obbligu li jstabbilixxu sistema affidabbli li tippermetti li jitkejjel it-tul taż-żmien tax-xogħol ta' kuljum imwettaq minn kull ħaddiem;
- u l-persuna li timpjega ma jkunx stabbilixxa tali sistema minn jeddu;
- u b'hekk ipoġġi lill-ħaddiem fl-impossibbiltà materjali li jipprova dan il-qbiż?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

(²) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349.

Appell ippreżentat fil-25 ta' Frar 2020 mir-Repubblika Ellenika mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fid-19 ta' Diċembru 2019 fil-Kawża T-14/18, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-106/20 P)

(2020/C 161/50)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Appellanti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: E. Tsaousi, E. Leftheriotou u A. Vasilopoulou)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li jintlaqa' l-appell u l-annullament tas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-14/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:888), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadhet ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika Ellenika fis-16 ta' Jannar 2018 intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017, sa fejn eskcludiet mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċerti spejjeż magħmula mir-Repubblika Ellenika fil-qasam tal-għajnuna relatata maż-żona għas-sena finanzjarja 2014 u li tirrappreżenta 5 % mill-ammont totali tal-ispejjeż magħmula abbażi ta' għajnuna għall-mergħat permanenti, jiġifieri somma netta ta' EUR 12 482 555,68. Ir-Repubblika Ellenika titlob barra minn hekk li l-Qorti Ġenerali joghgħobha tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka tliet aggravji:

B'mod partikolari, l-ewwel aggravju mqajjem jikkonċerna l-parti tas-sentenza appellata li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadhet l-argument li r-Repubblika Ellenika sostniet waqt is-seduta billi bbażat ruħha fuq is-sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (C-341/17 P, EU:C:2019:409). L-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija bbażata fuq il-ksur tar-regoli proċedurali u tad-dritt għal protezzjoni għidizzjarja effettiva, sa fejn, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ħadhet l-argument imsemmi iktar 'il fuq tar-Repubblika Ellenika bħala inammissibbli, billi pprovdi għal dan il-għan motivazzjoni inadegwata u kontradittorja. It-tieni parti tal-ewwel aggravju hija bbażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 u fuq il-motivazzjoni inadegwata u kontradittorja tas-sentenza appellata, peress li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-argument tar-Repubblika Ellenika huwa ineffettiv.

It-tieni u t-tielet aggravju huma ddedikati għall-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Ġenerali ħadhet il-motivi l-oħra tal-annullament. B'mod iktar preċiż, it-tieni aggravju jirrigwarda l-fatt li s-sentenza appellata hija bbażata fuq żnaturament tal-provi prodotti matul il-proċedura, b'mod partikolari t-tabella kompluta ta' stima tad-data ta' 79 664 bidwi li rċevew l-għajnuna għall-mergħat tagħhom, ta' somom imħallsa indebitament u ta' somom ta' sanzjonijiet irkuprati mir-Repubblika Ellenika, b'mod li hija vvizzjata b'illegalità u fuq motivazzjoni kontradittorja u mhux adegwata.